MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 346/2011

Kawza fil-lista: 32

**A B f' isimha proprju u**
**bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri C D E B**
**u dan permezz ta' digriet datat 19 ta' Gunju 2012**
**vs**
**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku,**
**F B, G H**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici li permezz tieghu wara li ppremettiet:-

Illi fis-sebgha (7) ta' Settembru tas-sena elfejn u hdax (2011) welldet tarbija, imsemmi C D E B ;

Illi t-tarbija twieldet waqt li l-attrici kienet ghadha mizzewga mal-konvenut F B u, ghalkemm mhuwiex il-wild naturali tieghu, l-istess F B tnizzel bhala missier it-tarbija;

Illi it-tarbija hija il-wild naturali tal-konvenut G H li mieghu l-attrici ilha f'relazzjoni kontinwa u stabbli ghall-diversi snin ;

Illi l-konjugi B isseparw personalment b'sentenza tas-27 ta' Ottubru 2011 li ghaddiet in gudikat u kif jirrizulta wkoll mill-istess sentenza l-attrici u F B ilhom mifrudin *de facto* mill-4 ta' Gunju 2003 u minn dak iz-zmien ma kellhomx kuntatti ghajr ghar-raguni ta' Qorti;

Illi ghalhekk jenhtieg li c-certifikat tat-twelid tal-minuri jigu korrett sabiex minnflok id-dettalji ta' F B bhala missier it-tarbija, jitnizzlu id-dettalji ta' G H, bin Joseph u Doris nee Spiteri(late), imwieled Pieta u residenti Birkirkara. L-istess G H kellu 44 sena fid-data ta' twelid tat-tarbija;

Illi hi tixiteq li it-tarbija ikun maghruf b'kunjom H Bugeja;

Talbet li din il-Qorti;

Tiddikjara u tiddeciedi li l-minuri C D E B imwieled f'Malta fis-7 ta' Settembru 2011 mhuwiex il-wild ta' F B imma hu il-wild naturali ta' G H b'mod li hemm lok ghall-korrezzjoni tal-istess att ta' twelid tal-imsemmi minuri f'dan is-sens;

Tordna lid-Direttur tar-Resgistru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet kollha opportuni fl-att tat-twelid fuq imsemmi fil-paragrafi kollha li jirrigwardaw it-taghrif dwar il-missier it-tarbija billi jigu sostitwiti l-konnotati ta' F B bil-konnotati relattivi tal-konvenut G H fil-kolonna apposite kif jirrizultaw mill-provi migbura;

Tawtorizza li l-istess minuri jusa l-kunjom H Bugeja fejn Bugeja hu kunjom xbubit ir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha espona:

Illi preliminarjament jinghad li talanqas mill-atti li gew notifikati lilu tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni mehtiega li permezz taghha l-attrici giet mahtura bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri C D E B skond id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta; Malta;

Illi bla ebda pregudizzju ghas-suespost, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita' tal-minuri C D E B , l-esponent natrualment mhuqiex edott mill-fatt li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processali u kif ikoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha involuti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 77D tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi bla hsara ghal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti f'isimha propju trid tipprova li fiz-zmien bejn tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri C D E B , kienet wettqet adulterju ma' l-intimat G H u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici li jindikaw lil G H bhala l-missier naturali tal-imsemmi minuri C D E B , u dan *ai termini* tal-Artikoli 77B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghal premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt teghleb il-prezunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwentament u konvincentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri C D E B ma jaqbilx mal-att tat-twelid tieghu li jgib in-numru ta' skrizzjoni 3579 tas-sena 2011;

Illi dejjem bla hsara ghal dak fuq premess, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-attrici, l-esponent jinvita lill-istess G H sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji

personali kollha tieghu, senjament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identita', (3) l-eta' tieghu meta twieled il-minuri C D E B , (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled it-tifel C D E B . Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit C D E B ;

Illi subordinament dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet *'the said'* li jinsabu qabel isem F B , senjament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-registrazzjoni 3579 tas-sena 2011;

Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u ghalhekk huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur.

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat mill-ispizjara Dottoressa Marisa Cassar.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavits prezentat mill-attrici u x-xhieda moghtija via voce.

Ikkonsidrat:

**L-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li tifel C D E B li twieled fis-7 ta' Settembru 2011 u li fl-att tat-twelid tieghu

numru 3579 tas-sena 2011 giet registrata bhala bin il-konvenut F B huwa fil-fatt iben il-konvenut G H.

**Provi**
Illi mill-provi jirrizulta provat li l-attrici sseparat *de facto* minn ma' zewgha l-konvenut F B minn ta' lanqas Gunju 2003 u minn dak iz-zmien qatt ma kellha relazzjonijiet intimi ma' zewgha.

Fit-2004 bdiet relazzjoni ma G H u b'rizultat ta' relazzjonijiet intimi eslussivament mal-konvenut G H inklux iz-zmien li fih giet koncepita t-tifel u fil-perjodu bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri. Ghalhekk it-tifel huwa wild naturali ta' dan il-konvenut.

Il-konvenut G H ikkonferma fix-xhieda tieghu li r-relazzjoni mal-attrici, ilha 8 snin, u b'rizultat ta' din ir-relazzjoni twieled fil-prezenza tieghu, il-minuri C D E B  u minn dakinhar sallum it-tifel ghadu fil-hajja tieghu.

Filwaqt li l-konvenut F B jixhed li hu m'ghandux konnessjoni mat-tifel u jikkonferma li r-relazzjoni mal-attrici spiccat fit-2003 u qatt ma kien hemm minn dak iz-zmien kuntatt fiziku ma' l-attrici.

It-testijiet tad-DNA jikkonfermaw xjentifikament din it-tezi ta' l-attrici.

**Konsiderazzjonijiet:**
Fl-ewwel lok jirrizulta li l-kawza giet intavolata fit-terminu legali dettat mill Artikolu 73 tal-Kapitolu 16;

Jirrizulta wkoll li l-azzjoni odjerna ghandha l-fondament legali taghha fit-termini tal-artikolu 77B tal-Kapitolu 16 li jipprovdi illi:

*'It-talba gudizzjarja ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan tista' wkoll tigi ezercitata mill-mara permezz ta' rikors guramentat*

*quddiem il-Qorti kompetenti kontra r-ragel taghha, il-missier naturali u t-tifel taghha imwieled fiz-zwieg jekk kemm-il darba hija tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi ddikjarata bhala l-missier naturali tat-tifel u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.'*

Una volta l-azzjoni promossa mill-attrici hija ntiza sabiex tbiddel radikalment il-kontenut ta' att tat-twelid il-Qorti hija fid-dover timxi b'kawtela kbira stante li l-akkoljiment ta' talba ghad-dikjarazzjoni ta' paternita twassal ghal kreazzjoni ta' qaghda guridika gdida ghall-minuri in sostituzzjoni ta' dik attwali.

Sabiex azzjoni imsejsa fuq l-artikolu 77B fuq citat tirnexxi illi jigu sodisfatti is-segwenti tlett rekwiziti:-
1. L-azzjoni promossa mill-mara tigi istitwita kontra (a) ir-ragel taghha, (b) il-missier naturali u (c) il-wild taghha.
2. Li l-mara tipprova li fiz-zmien bein it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi dikjarata bhala l-missier naturali tal-wild.
3. Tipprova anke b'testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.
Mill-atti jirrizulta li t-tlett rekwqiziti huma sodisfatti.

**Decide**
Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa l-ewwel talba u tiddikjara illi l-minuri C D E B li twieled fis-7 ta' Settembru 2011 ma huwiex il-wild naturali tal-konvenut F B izda huwa l-wild naturali tal-konvenut G H.

2. Tilqa' t-tieni talba fl-intier taghha u tordna lill konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet kollha opportun fl-att tat-twelid fil-paragrafi

kollha li jirrigwardaw it-taghrif dwar il-missier it-tarbija billi jigu sostitwitiil-konnotati ta' F B bil-konnotati relattivi tal-konvenut G H fil-kolonna apposite kif jirrisultaw mill-provi migbura;

Tawtorizza li l-istess minuri juza l-kunjom H Bugeja fejn Bugeja hu kunjom xbubit ir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-attrici u l-konvenut G H in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------